# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 18**

**Rikors Numru 71/2023**

**Catherine Galea, detentriċi tal-Karta tal-Identita' numru 0390362M;**
**vs**
1) **Owen Micallef, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 368398M;**
**u**
2) **Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) ghal kull interess illi ghandha ghan-nom u ghall-interessi ta' Owen Micallef**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Catherine Galea (l-Attriċi) tat-23 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu tippremetti u titlob is-segwenti:

1. Illi l-esponenti hija mara tad-dar u ghandha l-eta` ta` disgha u hamsin (59) sena u fil-jum tas-sitta u ghoxrin (26) ta` Settembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), sfat imtajra b` mod kiefer u serju mill-konvenut Owen Micallef li kien qieghed isuq il-vettura Peogeot 206 bin-numru ta` registrazzjoni ABN 383 fl-inhawi tal-Mosta vicin l-istabbilment tal-PAMA,

liema vettura hija koperta b` polza ta` assigurazzjoni mal-kumpannija konvenuta,ossia Mapfre Middlesea p.l.c ( C-5553);

2. ILLI dan l-incident sehh unikament minhabba ragunijiet diversi imputabbli ghall-konvenut Owen Micallef kif ser jigi muri fil-mori tal-proceduri odjerni, hekk kif huwa kjarament kien qieghed isuq b` negligenza grossolana u b` periklu manifestament sejru u car, stante d-dinamika wkoll tal-akkadut de quo;

3. ILLI l-esponenti formalment sejhet lill-konvenut sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni, u l-hlas effetiv tad-danni f` forma ta` danmnum *emergens u lucrum cessans* permezz tal-ittra ufficjali numru 4821/2021, liema ittra giet registrata fir-registrata fir-Registru tal-Qrati Maltin tal-Gustizzja fl-ghaxra (10) ta` Novembru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021);

4. ILLi l-esponenti formalment sejhet ukoll lis-socjeta` assikuratrici li tirraprezenta l-interessi tal-konvenut Owen Micallef sabiex ukoll tersaq ghal-likiwidazzjoni u l-hlas effetiv tad-danni f` forma ta` damnum *emergens u lucrum cessans* permezz tal-ittra ufficjali numru 4715/2022, liema ittra giet registrata fir-registru tal-Qrati Maltin tal-Gustizzja fl-ghaxra (7) ta` Novembru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022);

5. ILLi z-zewg konvenuti ghalkemm imsejjhin formalment permezz tal-imsemmijin ittri ufficcjali, baqghu qatt ma ressqu ebda forma ta` proposta fiz-zmien koncess lilhom, min-notifika tal-istess u allura jidher b` mod car illi huma qeghdin jipprokrastinaw mill-obbligazzjonijiet taghhom skont il-ligi nostrana;

6. ILLi l-esponenti fic-cirkostanzi prezenti qieghda thossha ferm ippregudikata u ingurjata minhabba l-agir jew in-non agir kundannabbli tal-konvenuti u ma kellhiex alternativa ohra hlief dik li tirrikorri ghal din l-azzjoni civili stante dawn l-istess procedure gudizzjarji sabiex tikseb gustizzja wara l-qaghda illi hija sfat fiha b` mod permanenti kawza tal-incident stradali sejru li fih hija ndarbet serjament;

7. ILLi fid-data tas-sebgha u ghoxrin (27) ta` Settembru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021), Catherine Galea rrappurtat gewwa l-ghassa tal-Mosta dwar l-akkudat li sehh fil-gurnata ta` qabel li halla riperkussjonijiet fizici serjissimi fuq ir-rikorrenti li sfat ghal diversi xhur fl-impossibilita` li timxi minhabba ingurija gravi fl-irkoppa tas-sieq ix-xellugija taghha li hallietha tbati minn debilita` permanenti ghall-kumplament ta` hajjitha;

8. ILLi nhar it-tletin (30) ta` Settembru tas-sena elfejn wiehed u ghxorin (2021), ir-rikorrenti kellha tassoggetta ruhha ghal operazzjoni magguri fl-irkoppa tas-sieq ix-xellugia taghha, liema operazzjoni kienet wahda mandatorja u necessarja sabiex hija tkun f` qaghda li terga tibda timxi

minkejja r-riskji inevitabbli li jistghu jinholqu lilha bhalma hija l-artrite fost affarijiet kumplikati ohra u dan kollhu minhabba l-akkadut in kwistjoni;

9. ILLI in linea mal-premessi kollha precendenti, stante l-impossibilita` tar-rikorrenti li timxi ghal diversi xhur, ix-xoghol giornalier taghha bhala mara tad-dar u cioe` li tiehu hsieb familja ta` tliet persuni kellu jieqaf u l-familja kollha kellha ssofri flimkien mar-rikorrenti minhabba s-sitwazzjoni li spiccat fiha, liema sitwazzjoni halliet effetti permanenti fuq ir-rikorrenti, kemm psikoligikament u wkoll fl-abbiltajiet fizici taghha u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta` din il-kawza. Ir-rikorrenti mhux biss sofriet dannu fiziku sejru u permanenti, izda wkoll sofriet danni psikologici u morali serji, stante l-incident sejru li seta` halla riperkussjonijiet tragici fuqha;

10. Illi Peress li r-rikorrenti ghamlet numru twil ta` gimghat f` qaghda ta` impossibilita mobiljari hija ma setghetx tghaddi hin man-neputijiet taghha li kienet tiehu hsiebhom ta` kuljum qabel sehh l-akkadut. Di piu ` il-familja tar-rikorrenti kellha tiehu hsieb li taghmel ix-xoghol tad-dar kollu u tisjir ta` kuljum, hekk kif ir-rikorrenti ma setghex tkompli b` xogholha bhala mara tad-dar u dan wassal li Catherine Galea f` dannu sejru tant kemm sofriet u batiet billi kienet tara lill-membri tal-familja taghha jaghmlu xogholha fid-dar.

GHALDAQSTANT, jghidu ghaliex il-konvenuti` mghandhiex din l-Wisq Onorabbli Qorti:

1) TIDDIKJARA u TIKKONFERMA, illi l-konvenuti u/jew min minnhom minhabba nuqqas serju ta` diligenza, prudenza u osservazzjoni tal-ligi u r-regoalmenti specifici tat-traffiku, huma unikament responsabbli u hatja ghall-incident li sehh fis-sitta u ghoxrin (26) ta` Settemrbu fis-sena 2021, li fih weggghet serjament Catherina Galea, detentrici tal-Karta tal-Indentita` Numru 0390362M billi per konsegwenza tieghu hija sofriet debilita` permanenti fl-irkoppa taghha ta` saqajha x-xellugija;

2) Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-sumitlub fl-ewwel talba, TIDDIKJARA u TIKKONFERMA, illi l-konvenuti u/jew min minnhom, apparti l-htija huma responsabbli ghall-hlas tad-danni kollha subiti u soffeerti minn Catherine Galea, detentrici tal-Karta tal_indentita` Numru 0390362M;

3) TORDNA, illi jekk ikun necessarju, jigi kkwantifikat l-ammont ta` kumpens ghad-danni kollha sofferti minn Catherine Galea, detentrici tal-Karta tal-Identita` Nurmu 0390362M permezz ta` periti nominandi u esperti tal-Qorti fuq il-materja odjerna tal-akkudat;

4) TORDNA, b` mod ulterjuri lill-konvenuti u/jew min minnhom sabiex f` terminu qasir u perentorju, jhallsu is-somma hekk likwidata

rapprezentanti f `danni subiti u sofferti minn Catherine Galea, detentrixi tal-Karta tal-Identita` Numru 0390362M lill-imsemmija Catherine Galea;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom, li huma minn issa wkoll ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Owen Micallef u Mapfre Middlesea Plc (il-konvenut u s-Soċjeta' konvenuta rispettivament) tas-6 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi m`hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabbilita` tal-inċident stradali in kwistjoni u fil-fatt l-eċċipjent Owen Micallef diġa ammetta dan quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali u aċċetta l-piena fuqu imposta mill-imsemmija Onorabbli Qorti;

2. Mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, l-attriċi għandha tressaq l-ahjar prova dwar id-danni effettivi u attwali minnha allegati u reklamati.

3. Illi l-intimati m` għandhomx ibatu l-ispejjez ibatu l-ispejjez ta` dawn il-proċeduri u dana in vista li l-istess rikorrenti naqset illi tillikwida l-pretensjonijiet tagħha, meta ġiet mitluba tagħmel dan mis-soċjeta assikurattiva eċċipjenti;

4. Salv kull eċċezzjoni ohra permissibbli skond il l-liġi

Il-Qorti rat li fir-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut qed jassumi r-responsabbilita' ta' l-inċident.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors tas-smiegħ.

Rat li l-Kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

L-Attriċi fis-26 ta' Settembru 2021 kienet involuta f'inċident stradali. Dan seħħ meta kienet qed taqsam biex taċċedi għall-entratura tal-istabbiliment Pama l-Mosta. Kif kważi kienet waslet għan-naħa l-oħra tat-triq feġġħet

improvisament vettura li kienet misjuqa mill-konvenut u bix-xellug tagħha laqat lill-Attriċi f'saqajha tax-xellug.

B'konsegwenza ta' dan l-inċident, l-Attriċi sofriet danni ta' natura permamenti u għalhekk kellha tagħmel din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

Kif diġa' rilevat, il-konvenut assuma r-responsabbilita' ta' l-inċident. Għalhekk dan ifisser li din il-kawża issa hija limitata sabiex ikunu stabbiliti x'inhuma d-danni li sofriet l-Attriċi jekk huwa l-każ.

Id-danni klassikament dejjem jitqiesu li jikkonsistu f'żewġ kwalitajiet:

Dawk li huma danni effettivi (*damnun emergens*) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (lucrum cessans). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib".*

Pero' din il-Qorti tagħti wkoll importanza lill-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita' permanenti,

li l-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

Din il-Qorti ssejjaħ dan l-element bħal integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-*istatus quo ante*. Jekk l-Attriċi kienet tipprattika sport, bħal f'dan il-każ l-Attriċi kienet tmur il-gym, dan ma hux ser tagħmlu aktar, u jekk kellha l-ħila li jkollha żewġ impjiegi, issa bil-kemm wieħed jista' jkollha.

Mhux ħtija tad-danneġġjat li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni. F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk:

"*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq skorta u gwida tal-prinċipji ennunċjati **f'Butler -vs- Hurd**, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident f'ħajjet id-danneġġjat.

<u>*Damnum Emergens*</u>

Kif intqal, dan jirrigwarda i-telf effettiv attwali li nkorriet l-Attriċi b'konsegwenza ta' l-inċident. Il-Qorti eżaminat l-atti u jirriżultalha li dan it-telf jammonta għal €1,324.44 (a' fol 64 sa 72). L-Attriċi tgħid ukoll, li għamlet ċirca 10 ġimgħat tikkonvalixxi għaliex ma setgħetx iċċaqlaq saqajha (a' fol 53). Kif ser jingħad aktar 'l isfel, din il-Qorti ser tkun qed tqies li mara tad-dar hija intitolata ta' l-inqas il-minimum wage. Mara 'l fuq minn 18 il -sena intitolata għal paga minima ta' €221.78 fil-ġimgħa. Dan ifisser, li l-Qorti ser tqies li għaxar ġimgħat jammontaw għal €2,217.80.

Għalhekk id-damnum emergens b'kollox huwa ta' €3542 (kalkolat lejn l-eqreb ewro).

*Lucrum cessans*

Il-prinċipji prinċipali ta kif għandhom ikunu likwidati t-telf fil-futur huma s-segwenti.

L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm id-danneġjat/a sejjer ikun affettwat 'l quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu.

F'dan il-każ jirrisulta li mit-tobba maħtura mill-qorti l-Attriċi qed tbati minn diżabilita' permanenti ta' 7% (a' fol 610). Huwa wkoll stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens biss purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

Għalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti qed tqis il-konklużjonijiet li waslu għalihom l-esperti minnha maħtura fil-perċentwal fuq imsemmi.

Kif diġa' aċċennat, sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "*takkumula*" perċentwali ta' debilita' li donnhom "*jippremjawha*" kumulativament b'mod sempliċiment matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed.

Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra, fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' il-persuna ser tkun għall-bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol.

Il-Qorti ma tistax toqgħod biss fuq il-perċentwali tat-tobba iżda trid tqis li d-danneġġjat b'konsegwenza tal-inċident ikun tilef aspetti oħra minn ħajtu li

għalkemm mhux viżibli xorta hemm dan it-telf. Għalhekk anke in ommaġġ għall-prinċipju tar-*restitutio in integrum*, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, din il-Qorti għandha tagħti wkoll somma oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu.

Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma. Għalhekk qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attriċi bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Wara l-inċident l-Attriċi ma baqetx l-istess persuna, kif fil-fatt jispjegaw il-familjari tagħha fl-affidavits minnhom presentati. Ġiet ukoll imċaħħda għal għomorha minn delizji li kellha fost oħrajn li tmur il-*Gym*. Il-Qorti għalhekk tħoss li sabiex tagħmel tajjeb għad-defiċjenzi non-fiżiċi u non-apparenti li l-inċident ħalla fuq l-Attriċi għall-bqija ta' ħajjitha qed tillikwida s-somma konservattiva ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) rappresentanti l-frammentazzjoni psiko-soċjali ta' ħajjet l-Attriċi.

Il-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li tingħata l-Attriċi jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is*

*then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have 25 lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (Ara **Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa ma' l-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża* ***Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967****. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c 'chances and changes of*

*life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l eta' tal-pensjoni".*

Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

"*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*.

Issa din il-Qorti ssib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument ta' l-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih. Minn eżami tal-provi ma jirrisultax li l-Attriċi ssofri minn xi kundizzjonijiet li jistgħu iqassrulha ħajjitha. Meta l-Attriċi weġġħet kellha 59 sena. L-eta' pensjonabbli tagħha hija dik ta' 65 sena, li jfisser li l-mutiplier għandu jkun ta' 7 snin.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-*lump sum payment*. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal

meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' 27 Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet **Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999** u **Caruana A vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004,** minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-kawżi **Turner - vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' 23 Novembru 2003, Bonnici - vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15 -il sena. Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta' 18% bħala *lump sum payment* ikun ġust.

Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor li kellu d-danneġġjat fil-waqt tal-inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevolment wieħed stabbli u fit-tul.

Issa f'dan il-każ l-Attriċi hija mara tad-dar. B'daqshekk ma jfissirx li mara bħal din għaliex ma għandiex impieg formali għandha għaldaqshekk tkun imċaħħda milli tirċievi kumpens. Ġie rikonuxxut li għalkemm l-Attriċi ma kellhiex impjieg formali, ix-xogħol tagħha bħala mara tad-dar xorta għandu jkun valorizzat. Dan ġie rikonoxxut mill-Qarti tagħna (ara **Sentenza tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet Emmanuel Schembri u martu Filomena Schembri -vs- David Tanti u kif ukoll Muscat -vs- Buhagiar, Prim'Awla tal-15 ta' Lulju 1983**).

Il-Qrati tagħna rribadew il-prinċipju li mara tad-dar għandha dritt għall-kumpens u x-xogħol tad-dar għandu valur ekonomiku. Dan m'għandux jitqies li jiswa anqas mill-paga minima nazzjonali (Ara **PA GCD 29 Rik. Nru. 228/20TA Ebejer vs Spiteri 16/12/97; Borg vs Zammit PA NA 22/3/99; Zammit vs Bezzina App 19/9/73; Apap vs Deġiorġio App 16/1/84; u Grech vs Briffa PA 21/2/97**).

Issa l-valur tax-xogħol tal-mara tad-dar sfortunatament għadu mhux adegwatament rikonoxxut mill-leġislatur f'ħafna mil-liġijiet soċjali meta fil-fatt huwa kontribut li m'għandux prezz. Għalhekk b'sens ta' apprezzament lejn il-valur tax-xogħol tal-parti fiż-żwieġ li tibqa' id-dar biex tieħu ħsieb il-familja, din il-Qorti tħoss li għandu jkun applikat il-kriterju tal-paga minima fix-xahar. Kif ingħad aktar 'l fuq il-paga minima fil-każ ta' mara 'l fuq minn

18 -il sena huwa ta’ €221.78 fil-ġimgħa. Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed taħdem fuq dan l-ammont.

Di pju l-Qorti hija tal-fehma, li ġia la darba si tratta ta’ telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni huwa dak li ser jingħata issa, dan ser jitlef il-valur magħruf bħala “*purchasing power” dovut dan għall-erożjoni bl-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad “The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index imperfect instrument it may be, it is the best we have”.* (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**).

Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed iżżid fuq l-ammont rappresentanti l-lucrum cessans, 6% li qed ikun stabbilit “*at arm’s length*” biex jagħmel tajjeb għall-aspett inflazzjonarju ta’ flejjes li qed jitħallsu issa għal telf fil-futur.

*Likwidazzjoni finali tad-danni*

€11,533 (qliegħ annwali bbażat fuq paga minima kalkolat lejn l-eqreb ewro) x 7 (snin sal-penzjoni) = €80,727.92 -18% (lump sum payment) = €66,196 - 7% ta’ din is-somma (rata ta’ diżabilita’) = €4,634 pju €1500 (integrita’ tal-persuna) = €6,134 + 6% ta’ din is-somma (kumpens għall-inflazzjoni) = €6,502 + €3542 (damnum emergens). Għalhekk b’kollox id-danni huma €10,044.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi**.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** fis-sens li ż-żewġ konvenuti huma flimkien u bejniethom responsabbli għall-ħlas tad-danni subiti mill-Attriċi.

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba attriċi** peress li hija eżawrita.

**Tilqa' ir-raba' talba Attriċi** billi tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi fl-ammont ta' għaxart elef u erbgħa u erbgħin ewro (€10,044) u tikkundanna lill-konvenuti flimkien u bejniethom iħallsu lill-Attriċi s-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes kollha għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**